Minuti tal-ħamsa u erbgħin (45) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fis-Sala tal-Kommunita nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju 2011 fil-5.40pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Saviour Borg |
| Kunsilliera: | Is-Sur Victor Cefai<br>Is-Sur Horace Micallef<br>Is-Sur Lorry Apap |
| Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Karl Vella |

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permezz ta' talba.

Is-Sindku spjega li l-laqgħa kellha ssir nhar il-Ħamis 28 ta' April pero, is-Segretarju Eżekuttiv kien ħassu ħażin ftit siegħat qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-laqgħa kellha tiġi posposta.

## 2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tal-laqgħat preċedenti tqassmu qabel il-laqgħa u ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti.

## 3. QARI TAL-MEMOS, KORRISPONDENZA PRINĊIPALI U ILMENTI / SUĠĠERIMENTI

### 3.1 Memos

3.1.1 Memo 26/2011 – Kuntratti mogħtija mill-Kunsilli Lokali fl-2010
3.1.2 Memo 27/2011 – Mistoqsija Parlamentari Nru 24958
3.1.3 Memo 28/2011 – Mistoqsija Parlamentari Nru. 25055
3.1.4 Memo 29/2011 – Stemmi ġodda - Kumitati Reġjonali u Kumitati Amministrativi
3.1.5 Memo 30/2011 – Korrispondenza lid-Dipartiment
3.1.6 Memo 31/2011 – Mistoqsija Parlamentari Nru. 25174
3.1.7 Memo 32/2011 – Mistoqsija Parlamentari Nru. 25420
3.1.8 Memo 33/2011 – Mistoqsija Parlamentari Nru. 25421
3.1.9 Memo 34/2011 – Monitoraġġ tal-Użu tas-sistema tal-Customer Care

### 3.2 Korrispondenza Prinċipali

3.2.1 L-avukat Angele Formosa infurmatna li l-Kunsill irid iħallas €23.00 lil Qorti għall-aċċess li l-Qorti żammet rigward il-kawża Cassar Pauline vs Kunsill Lokali Fontana. Il-membri tal-Kunsill qablu li jsir dan il-ħlas. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret seduta tal-Qorti fil-5 t'April.

Fil-5.50pm daħal il-Viċi Sindku fil-kamra. Il-Kunsillier Victor Cefai talab lill-Kunsill sabiex jiġi skużat għal ftit minuti għal raġunijiet personali, mitluba mill-membri tal-familja. Dan ġie skużat.

3.2.2 Il-kuntrattur, Solar Engineering Ltd, li nstalla s-sistema ta' pannelli fotovoltajiċi fil-*playing field* bgħatilna kont li jammonta għall-€514.72. Il-*contracts manager* tal-Kunsill infurmana li ma għandniex inħallsu dan il-kont peress li fl-offerta kien hemm klawżola li tgħid li dan l-ammont irid jitħallas meta jgħaddu sentejn minn meta ħareġ iċ-ċertifikati li s-sistema qiegħda taħdem sew. Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lil Solar Engineering Ltd b'dan.

3.2.3 L-Assoċjazzoni tal-Kunsilli Lokali bgħatitilna ċirkolari fejn infurmatni li mit-Tlieta 26 ta' April sal-Ħadd 22 ta' Mejju l-uffiċċju tal-Kunsill irid jkun miftuħ bejn l-4pm u d-9pm (mit-Tnejn sal-Ġimgħa) u mit-8am sas-1pm (is-Sibtijiet u l-Ħdud) sabiex ikunu jistgħu jinġabru d-dokumenti għall-votazzjoni tar-referendum.

3.2.4 L-Assoċjazzoni tal-Kunsilli Lokali nfurmatna li l-*Health Insurance* tal-membri tal-Kunsill u tas-Segretarju Eżekuttiv waslet biex tiskadi. Il-membri tal-Kunsill qablu li din għanda tiġġedded. Hemm ħlas ta' €37 kull persuna.

3.2.5 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali talabna d-dettalji tal-Kunsilliera preżenti.

3.2.6 B'referenza għall-mistoqsija li għamel is-Segretarju lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward jekk il-Kunsill jistax joffri donazzjoni sabiex jitwaqqaf monument fuq il-qabar ta' Mons Isqof Nikol Cauchi, ġejna nfurmati li ma tista' ssir l-ebda donazjoni mill-Kunsill. B'dan għandu jiġi nfurmat il-Kumitat Organizzattiv. Is-Sindku ppropona, u l-Kunsill qabel li ssir ġabra għal dan il-għan f'Jum il-Fontana waqt l-attivita' fis-Sala tal-Komunita.

3.2.7 B'referenza għall-korrispondenza mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Francis Attard, rigward xi kjarifiki dwar offerti maħruġa mill-Kunsill, id-Direttur irrakomanda li kull Kumitat ta' Evalwazjoni għandu joqgħod fuq il-kundizjonijiet tat-*tender* li jkunu ppublikati. Għaldaqstant, il-Kumitat ta' Evalwazjoni għandu jeżamina sewwa dawn il-kundizjonijiet u jara jekk din l-offerta hijiex konformi magħhom. F' każ ta' diffikulta jista' jittieħed parir legali.

Il-Kunsillier Victor Cefai reġa daħal fil-kamra fis-6pm.

**3.3 Ilmenti / Suġġerimenti**

3.3.1 Is-Sur Joseph Vella talab sabiex ikun jista jirranġa l-katusi tad-drenaġġ fin-naħa t'isfel ta' Triq tal-Għajn (taħt ir-*railing*) quddiem ir-residenza tiegħu peress li dawn qiegħdin jinsteddu. Il-membri tal-Kunsill qablu li jingħata permess sabiex isir dan ix-xogħol bil-kundizzjoni li fejn jinqata il-konkos issir tappiera u madwara jerġa jsir bil-*printing.*

3.3.2 Is-Sur Brian Camilleri talab sabiex issir bankina quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq Monsinjur Mikiel Buttiġieġ. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandu jsir dan ix-xogħol. Is-Sindku qal li nistgħu nużaw il-ħaddiema tal-Kunsill wara l-festa.

## 4. OFFERTI

4.1 Ġie maqbul li l-Kunsill joħroġ l-offerti hawn taħt imsemmija:

4.1.1 Tindif u Manutenzjoni ta' Lattrina Pubblika

4.1.2 Twaqqigħ tal-bini eżistenti u kostruzzjoni tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku tal-Fontana. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kif maqbul mal-Kunsilliera, ntalab parir legali dwar din l-offerta. Ġew imqabbda Scerri & Bonello, dan anke għar-raġuni li d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti kiteb dwar dan lill-Kunsill, Għaldaqstant il-Kunsill qabel li l-offerta tiġi mwaqqgħa u terġa toħroġ mill-ġdid għar-raġuni li ħarġet ħażina, u anke fin-nuqqas li fid-dokument kien hemm misinformazzjoni tal-liċenzjl mitluba mill-Perit.

4.1.3 Provediment u konsenja ta' Dwal tat-Toroq f'diversi toroq fil-Fontana. (Dan il-proġett ser ikun parzjalment iffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex taħt Eko-Għawdex- Għawdex Aħjar Pjan ta' Azzjoni 2010 – 2012).

4.2 Waqt il-laqgħa nfetħu dawn l-offerti:

4.2.1 FONQ 01/2011. Polza tal-Assigurazzjoni tal-Kunsill Lokali Fontana – Il-Kunsill irċieva żewġ offerti, dik ta' KDM Insurance Brokers Ltd (li kienet tammonta għal €1,449.30) u dik ta' Mercieca Financial Investment Services Ltd (li kienet tammonta għal €1,433.84) Il-Kunsillier Horace Micallef qal li ma rridux naraw il-prezz tal-offerta iżda ukoll il-kundizzjonijiet li fihom l-offerti. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġu evalwati mis-Segretarju Eżekuttiv.

4.2.2 FONQ 02/2011. Restawr ta' l-Għajn ta' l-Għajn tal-Loġoġ – Il-Kunsill irċieva offerta waħda, dik ta' Joseph Muscat li kienet tammonta għal €3,521.36.

## 5. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET

Il-kontijiet mehmużin ma' dawn il-minuti ġew approvati mill-membri tal-Kunsill.

## 6. MATERJI OĦRA

6.1 Is-Sindku qal li bħal ma ġew mgħarfa l-Kunsillieri l-Kunsill kien qabel li jagħti permess lil Road Construction sabiex jagħmel xogħolijiet tal-WSC fuq sistema ta' drenaġġ fi Triq l-Isptar San Ġiljan bil-kundizzjoni li: *"wara li jitlesta x-xogħol tat-trinka, jitqaxxar il-wiċċ kollu tat-triq fejn isir ix-xogħol u jingħata tarmac bi ħxuna ta' 80mm kif hemm fil-kundizzjonijiet. Dan isir taħt is-superviżżjoni tal-Perit tal-Kunsill"*

6.2 Il-Kunsillier Victor Cefai ippropona li din is-sena terġa ssir ħarġa Sqallija. Is-Sindku qal li hu kien qiegħed jiġbor xi nformazzjoni f'dan ir-rigward mingħand kumpaniji li joffru dan it-tip ta' *tours*.

6.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li:

6.3.1 Instabu xi ittri f'fond 191 fi Triq tal-Għajn, u għat-tielet darba dawn ser ngħadduhom lil Mrs. Louise Zammit, permess tal-Posta.

6.3.2 Għadna ma rċivejniex kont sabiex inħallsu l-kera ta' fond 191 fi Triq tal-Għajn, u għaldaqstant għandna nikkuntatjaw lid-Dipartiment tal-Artijiet ħalli naraw x'inhi r-raġuni. Is-Sindku spjega li suppost irċivejna dan il-kont f'Ottubru 2010, peress li l-kuntratt hu li jitħallas bil-quddiem. Għanda tinkiteb ittra lill-Kummissarju tal-Artijiet u nibgħatu kopja lis-Segretarji Parlamentari Jason Azzopardi u Chris Said.

6.3.3 Irridu nieħdu parir mingħand l-Avukat rigward l-applikazzjoni taħt Memo 10/2010 – Skema ta' Enerġija Alternattiva peress li fejn hu propost li jeħlu hi propjeta tas-Sur Anton Cassar, tal-Fontana Cottage Industry. Il-Kunsillier Horace Micallef talab sabiex niċċekjaw jekk nistgħux nwaħħlu sistema ta' pannelli fotovoltajiċi fuq propjeta ta' terzi persuni. Il-membri tal-Kunsill qablu.

6.3.4 Is-Sindku informal ill-Kunsill li kien iltaqgħa mal-avukat Bonello fejn hu nfurmah li kien hemm diversi problemi rigward l-offerta *FONT 06/2010: Demolition of existing structure and construction of second phase of Fontana Civic Centre*, u qallu li din l-offerta trid terġa tinħareġ mill-ġdid. L-avukat għadda dokument lis-Sindku bil-problemi li kien hemm fl-offerta. Wara li titlesta l-offerta mill-Perit din tiġi mgħoddija lill-Avukat biex jara jekk hiex sew.

6.3.5 L-Assistant Arkivist Nazzjonali nforma lill-Kunsill li, bi ftehim mal-President tar-Reġjun ta' Għawdex, fl-okkażżjoni tal-għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex ser jiġu stampati sett ta' kartolina bl-armi tal-belt, tal-lokalitajiet, u tal-kommunitajiet kollha t'Għawdex. Għaldaqstant hu qiegħed jitlob sabiex kull Kunsill iħallas €65.00. Il-membri tal-Kunsill qablu

6.3.6 Is-Sindku informal ill-Kunsill li kien hemm kundizzjoni fil-permess tal-MEPA li l-Pumping Station fi Trejqet ta' Wara l-Idjar trid togħla b'żewġ filati. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li nitolbu lil Nicky Saliba jagħtina stima sabiex jagħmel dan ix-xogħol. Barra minhekk iridu wkoll jitħawwlu pjanti madwar il-Pumping Station. Dan sar magħruf waqt żjara li għamel fil-post mal-Perit John Saliba, responsabli mill-proġett. Irridu wkoll niftħu l-fili kollha u jitkaħħlu mill-ġdid aktar fil-fond. Għal dan ser nitolbu lill-ħaddiema tal-IPSL.

Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

6.3.7 F'Ġunju irid isir is-service tal-*fire extinguishers* li hemm fl-uffiċċju tal-Kunsill.

6.3.8 Daħlet fis-seħħ l-ewwel *Bye Law* tal-Kunsill. Din tirrigwarda l-kiri tas-sala tal-komunita u l-korsijiet li jiġu organizzati mill-Kunsill.

6.3.9 Nhar it-2 ta' Marzu 2011 saret laqgħa bejn il-Kunsill u d-Direttur għall-Gvern Lokali, is-Sur Carmel Abela fejn ġew diskussi dawn il-punti:

- *E-mails* mibgħuta lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma jiġux imwieġba u b'hekk diversi offerti li għandu l-Kunsill ma jistgħux jiġu evalwati.
- Skema ta' finanzjata mid-Dipartiment li s'issa għadu ma sarx il-ħlas
- Il-fondi limitati tal-Kunsill liminnhom jridu jinżammu 10% bħala riserva.
- Ġiet diskussa l-iskema tal-Public Private Partnership fejn l-offerta għaż-żewġ toroq li hu propost li jsiru hi ta' madwar kwart ta' miljun euro, meta l-iskema tistgħa tipprovdi biss madwar €46,000.

6.3.10 Is-Sindku qal li hemm talba biex issir bozza fi Triq Mons Mikiel Buttiġieġ. Hu kompla billi qal li l-Ing Vella tal-Enemalta nfurmatu li jekk il-Kunsill jagħmel l-arblu hi lesta tagħmel id-dawl. Il-membri tal-Kunsill qablu li nitolbu stima mingħand Chris Gauci.

6.3.11 Is-Sindku ppropona li jingħata *sealer* bil-*printed concrete* ħdejn ir-*railing* u fl-isqaq numru 4 fi Triq il-Għajn.

6.3.12 Is-Sindku qal li sa llum il-ħarruba fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi għadha ma ġietx miżbura. Il-Viċi Sindku dak il-ħin għamel kuntatt mas-Sur Bonello, tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żviluppi peress li min jiżbora jrid ikollu l-liċenzja.

6.3.13 Is-Sindku semma wkoll il-każ tat-trinka fi Triq il-Għajn quddiem Sqaq Nru 4 fi Triq il-Għajn. Dan il-każ ilu sejjer minn Ottubru meta l-Kunsill ta permess lill-WSC biex titqatta t-triq. Meta nġibdet l-attenzjoni tal-uffiċjal responsabli nforma lis-Sindku li kien sar arranġament mall-kuntrattur tal-Enemalta li jrid jirranġa t-triq hu peress li kellhom xogħol fl-istess post. Is-Sindku qal li kellem kemm il-darba lill-Inginier Vella tal-Enemalta iżda sa llum dan ix-xogħol ma sarx minkejja li ġie mwiegħed kemm il-darba. Hu staqsa lill-Kunsill x'passi ser nieħdu biex jitwettaq dan ix-xogħol. Il-Viċi Sindku qal li ser ikellem lill-Inginier Vella. Hija qaltlu li ser tieħu ħsieb li jsir dan ix-xogħol.

6.3.14 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bieb li kien hemmm ilment fuqu fi Triq il-Kappillan HIli tranġa mis-sid.

6.3.15 Saret ukoll ħarġa soċjo-kulturali f'Malta għar-residenti tal-lokalita' fejn attendew 64 persuni fosthom is-Sindku u l-Kunsillier Victor Cefai fejn żorna l-attivita' tal-Festa Frawli fl-Mġarr, l-"*Open Day*" fil-Palazz tal-Inkwiżituri fil-Girgenti u Xrobb l-Għagin Park *and Sustainable Development Centre* f'Marsaxlokk.

6.3.16 Is-Sindku nforma lill-KUnsill li kien hemm ilment biex isir *cul de sac* ħdejn il-Belvedere tal-Għajn ta' Bendu. Dan peress li diversi vetturi qed jidħlu f'din il-parti ta' Triq Għajn Tuta u ma jkunux jistgħu jdawwru peress li ma tinfidx. Il-Kunsill qabel li jsir wara li jinġieb il-permess meħtieġ minn Transport Malta.

6.3.17 Peress li l-Kunsill ma għandux *period contract* għall-għoti tat-*tarmac* ntbagħtet korrispondenza lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk nistgħux noħorġu offerta taħt l-iskema tal-PPP fuq toroq.

6.3.18 Saret ukoll l-applikazzjoni għat-tieni fażi tal-proġett ta' Triq Wied Siekel skond il-Proġett Leader tal-fondi 313 tal-Unjoni Ewropeja.

**7. MISTOQSIJIET**

7.1 Is-Sindku saqsa lis-Segretarju jekk irċivejniex risposta rigward l-ittra li kien bgħat lid-Direttur tal-Proġetti u Żviluppi, is-Sur Joseph Portelli, rigward it-taraġ li kellu jinbena f'tarf Triq ta' Mulejja u l-*culvert* għall-ilma f'parti minn Triq l-Isptar San Ġiljan. Is-Segretarju qal li ma kellux risposta. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandha terġa tintbagħat ittra oħra. Il-Kunsillier Lorry Apap iddikjara li kellu nteress u għaldaqstant astjena.

7.2 Is-Sindku saqsa lill-Viċi Sindku jekk kienx kellem lil ħuh Ġorġ rigward jekk isibx oġġezzjoni sabiex il-Kunsill imexxi il-fanal għal fejn kienet din il-bozza fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Il-Viċi Sindku qal li ħuh ma kellux problema. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li dan il-fanal jiġi mħarrek.

7.3 Il-kunsillier Horace Micallef innota li kien hemm xi oġġetti mwaħħla ma arblu fi Triq is-Sajjieda. Hu saqsa lis-Sindku jekk kienx jaf dawn x'kienu. Is-Sindku qal li dawn twaħħlu milll-MEPA sabiex jkunu jistgħu jieħdu *samples* tal-arja.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Laqgħa oħra terġa ssir nhar it-Tnejn 6 ta' Ġunju 2011 fil-5.30pm fis-Sala tal-Komunita.

| | |
|---|---|
| Karl Vella | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt